Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 160/2014

**Silvio Lautier** **(appellant)**

**Vs**

**Guzeppi Buhagiar** **(appellat)**

22 ta' Novembru, 2016.

1. L-attur harrek lill-konvenut quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar u talab is-somma ta' €1,118.30 rapprezentanti dik il-parti mill-prezz dovuta lura lill-attur skond l-Artikolu 1428[1] Kodici Civili, minhabba difetti latent fil-vettura Fiat Marea li xtara minghand il-konvenut. Ghalhekk l-attur ippropona l-azzjoni estimatorja.

2. Il-konvenut wiegeb li:

    i. Il-vettura qatt ma kienet tal-attur.
    ii. L-Artikolu 1428 ma japplikax ghall-kaz in ezami.
    iii. Fil-mument tal-bejgh, il-vettura ma kellix il-hsara li l-attur qieghed jilmenta minnha.
    iv. Il-vettura kienet giet registrata f'isem haddiehor.
    v. L-attur naqas milli jiddepozita l-vettura taht l-awtorita tal-qorti.
    vi. Ghal kumplament it-talbiet huma nfondati.

3. B'sentenza tas-16 ta' Frar 2015 it-Tribunal cahad it-talba wara li qal li,

    *"…. hemm ix-xhieda tal-mekkanik li spjega illi verament kien sar ix-xoghol fuq il-vettura. Ghalhekk jidher illi l-konvenut ma kellux habi u ma naqas li jghidlu xejn lill-attur. Fuq kollox din kienet vettura ta' certu eta' u huwa naturali li jinqalghu problem u hsarat fil-magna. Il-problema li kellha l-vettura ma kinitx wahda latent izda wear and tear tal-vettura u jekk wiehed joqghod fuq dak li xehed il-mekkanik allura jidher li l-konvenut ma ghandux tort."*

4. L-attur appella. L-aggravju hu li t-Tribunal ghamel apprezzament hazin tal-provi, fis-sens li ffoka fuq difett wiehed biss u wkoll meta kkunsidra d-difett fit-timing belt. Kompla jghid li z-zewg aggravji *"…. jirrigwardaw apprezzament zbaljat tal-fatti."*

5. Il-konvenut wiegeb fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

6. Fir-rikors tal-appell l-appellant isostni li kien hemm tlett difetti: 1) il-batterja; 2) ilma jidhol mill-windscreen; u 3) *timing belt* maqtugh.

[1] Fis-seduta tat-2 ta' Frar 2015 it-Tribunal ordna korrezzjoni fis-sens li l-artikolu kien 1427.

7. Hu maghruf li d-difett irid ikun wiehed gravi, u jrid ikun pre-ezistenti ghall-bejgh. F'dan ir-rigward inghad li, *"l-prova tal-pre-ezistenza tad-difett trid tkun tali li tikkonvinci lill-gudikant u* ***x-xerrej ma jistax jirpoza fuq ebda prezunzjoni, specjalment fuq dik tal-qosor taz-zmien bejn il-bejgh u l-manifestazzjoni tad-difett****"* (Kollez. Vol. XXXVII.II.p 742).

8. Mid-deposizzjoni ta' Stephan Zammit (28 ta' Novembru, 2014) jirrizulta li:

   i. Il-konvenut ha l-vettura ghandu u lmenta li ma kellhiex bizzejjed sahha. Kien l-attur li qal lill-konvenut biex imur biha ghand Zammit. Sar xoghol fuq it-*timing belt*, u wara x-xhud deherlu li l-vettura kienet qeghda tahdem tajjeb.
   ii. Xi zmien wara l-attur ha l-vettura ghandu ghaliex zviluppat hsara. Irrizulta li kienet tqactet it-*timing belt*. Dan wassal biex saret hsara fil-magna tal-vettura u kellu jsir iktar xoghol li għalih tħallas mingħand l-attur.

   Jidher li l-ħsara fit-*timing belt* grat meta l-vettura kienet fil-pussess tal-attur. M'hemmx prova li fiz-zmien tal-bejgh kien hemm xi difett fit-*timing belt*. Fil-fatt ix-xhud qal, *"Nispjega li kien inqata' dan it-timing belt u bhala konsegwenza tghawwget il-valves tal-magna, l-cam shaft kellu parti zghira maqsuma….."* Hsara li zviluppat meta l-vettura kienet diga' nbieghet lill-attur. Jirrizulta li l-konvenut ha l-vettura ghand l-attur qabel biegh il-vettura lill-attur (ara tielet paragrafu tal-affidavit tal-attur, fol. 10), fi zmien meta kienu diga bdew in-negozjati sabiex l-attur jakkwista l-vettura tal-konvenut. Hu wkoll evidenti li f'dak l-istadju l-mekkanik Zammit iddecieda li kull ma kien hemm bzonn isir kien *fine tuning* tal-magna. Fil-fatt ikkonferma li meta lesta dan ix-xoghol il-vettura hadmet tajjeb u bdiet tintuza. Ghalhekk ma jidhirx li meta nbieghet il-vettura kellha *timing belt* difettuza. Ghalkemm l-attur argumenta li *"… ladarba din it-timing belt inqatghat ftit granet wara li l-vettura waslet f'idejn il-konvenut sinjal illi din kienet ilha li waslet biex tinbidel u dan ferm qabel il-bejgh meta l-vettura kienet ghadha f'idejn il-konvenut"*, dan l-argument hu mibni fuq supposizzjoni. Il-qorti hi pjuttost tal-fehma li kieku t-timing belt kienet difettuza, probabilment Zammit kien ser jinduna waqt li kien qieghed jaghmel *fine tuning* tal-istess.

9. Ghal dak li jirrigwarda l-batterja tal-vettura, minn dak li rrakkonta l-attur hu evidenti li kien jaf li l-batterija ma kinitx gdida. Hadd mhu ser jaghti garanzija kemm ser isservi batterija li ma tkunx gdida. Inoltre, l-attur kellu kull opportunita li qabel jixtri l-vettura jaghmel il-verifiki dwarha.

10. Ilment iehor tal-attur hu dwar il-windscreen. F'dan ir-rigward xehed: *"Wara jumejn ghamlet ix-xita u beda diehel hafna ilma mill-windscreen. X'hin ghidt lil Buhagiar qalli li kienet ilha ghand bintu tlett snin u qatt ma dahal ilma. Wehilt*

*€100 biex qalghu il-windscreen, nadfu s-sealer u ssiljawh."* L-attur ma pprezentax provi li fil-fatt sar dak ix-xoghol u li hallas €100.

11. Fl-affidavit tal-attur issemma wkoll swicc tal-pompa tad-diesel u alternator. Madankollu, m'hemmx prova li fi zmien tal-bejgh kienu jezistu xi difetti. L-istess jinghad ghal dak li l-attur irrefera ghalih bhala *'arm ta' wara'*. Hu evidenti li l-attur kien jaf bih qabel xtara, u dan gialadarba qal: *"Sadanittant jien kont naf li wara l-karozza kien hemm hoss tal-arm ta' wara…."* (fol. 11). Ghalhekk ma jistax jilmenta.

12. Dan apparti li t-talba tal-attur kienet ghall-hlas ta' €1,118.30. Qabel l-emendi li gew introdotti din is-sena, appell seta' jsir biss meta l-ammont in kwistjoni kien iktar minn €1,164.69. Jekk le, appell seta' jsir biss fl-erba' istanzi li jissemmew fl-Artikolu 8(2) tal-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380)[2]. Fir-rikors tal-appell l-attur iddikjara li l-appell sar minhabba l-apprezzament zbaljat ta' fatti. Gialdarba t-talba hi ghall-hlas ta' €1,118.30, appell jista' jsir biss fil-kazijiet li jissemmew f'paragrafu (2) tal-Artikolu 8. Madankollu m'hemmx appell minn punt ta' fatt. Ghal finijiet ta' din id-disposizzjoni, il-prezz tal-vettura m'ghandu x'jaqsam xejn. L-ammont in kwistjoni li jissemma f'paragrafu (3) tal-artikolu 8, hu proprju dak li l-attur talab il-hlas tieghu fl-avviz tat-talba.

**Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.

[2] Ara verbal tas-7 ta' Ottubru, 2016 u n-nota li pprezenta l-attur fit-13 ta' Ottubru, 2016.